**JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002**

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 4** | **SOCIAL STUDIES (OPTION)** | **TIME: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Name: ______________________________ Class: _____________

**Taqsima A**

Aqra din is-silta u wieġeb f'mhux anqas minn 30 kelma.

Min hu normali? Is-soċjeta' tinbidel skond iż-żmien. Qabel, min kien jiġġieled favur l-ambjent, favur postijiet mingħajr dħaħen, favur id-drittijiet ta' l-annimali, kien ikkunsidrat bħala "stramb". Dawk li jiddevjaw mis-soċjeta' jew imorru kontra n-normi soċjali jistgħu jsiru "scapegoats" tas-soċjeta' minħabba injoranza, u preġudizzju bħalma jiġri fi gwerer etniċi.

**Wieġeb**

1 Min hu kkunsidrat bħala devjanti fis-soċjeta' ? Agħti żewġ eżempji ta' mġiba devjanti.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

2 X'inhuma n-normi soċjali? Semmi 2 normi soċjali meħtieġa għas-soċjeta'.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

3 X'miżuri tieħu s-soċjeta' kontra dawk li ma jimxux man-normi ?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

4 Taħseb li l-misuri li tieħu s-soċjeta' kontra min jieħu d-droga huma effettivi? Għaliex?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

5 X’servizzi ta’ riabilitazzjoni jeżistu biex jgħinu lil  min jaqa’ f’xi vizzju?

**25 marka.**

**Taqsima B**

<u>Aqra din is-silta u wieġeb f’mhux anqas minn 30 kelma.</u>

Il-maġġoranza  ta’ l-irġiel jokkupaw postijiet importanti fil-qasam soċjali, ekonomiku u politiku tal-ħajja għaliex ikollhom l-appoġġ tan-nisa tagħhom. Ħafna min-nisa ma jistgħux jgħidu l-istess mill-irġiel tagħhom.  Nafu mill-istatistika li għalkemm 54% ta’ l-istudenti nisa jkomplu l-universita’ ftit huma dawk li jokkupaw pożizzjonijiet importanti kemm fil-qasam politiku, kif ukoll fil-qasam  ekonomiku.  In-nisa huma assoċjati max-xogħol li nsejħulu “caring professions”.

**Wieġeb**

1 Għalkemm għandna ħafna nisa li jkomplu l-universita’, pero’ ftit li xejn naraw li huma jokkupaw pożizzjonijiet għoljin ħafna fid-dinja tax-xogħol. Spjega għaliex billi tagħti r-raġunijiet.

2 Għaliex in-nisa huma assoċjati l-aktar mal- “caring professions”?  Agħti eżempji ta’ caring professions.

3 Għalkemm nitkellmu fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, taħseb li din teżisti verament fuq il-post tax-xogħol?  Agħti eżempji biex tispjega ruħek aħjar.

4 Ħafna jgħidu li post il-mara hu d-dar. Iddiskuti din l-idea.

5 X’inhu l-‘moviment femminista’? Kif għen biex il-mara tieħu postha fis-soċjeta’? F’Malta wkoll għandna d-dipartiment fil-qasam tal-politika soċjali li jaħdem favur in-nisa. Liema hu?

**25 marka**

<u>Agħżel tnejn u wieġeb fit-tul.</u>

1 L-identita’ kulturali hija mġedda permezz tas-soċjalizzazzjoni. Iddiskuti.
2 Malta għaddiet minn tibdil soċjali mgħaġġel dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Iddiskrivi x’inhu dan it-tibdil soċjali u l-effetti li qed iħalli fuq il-Maltin.
3 L-istratifikazzjoni soċjali hija differenti minn stratifikazzjoni ġeoloġika. Iddiskuti.
4 Ikteb ittra lill- gazzetta lokali dwar il-problemi li qegħdin jiffaċċjaw persuni b’diżabilita’ fil-belt jew raħal tiegħek u agħti suġġerimenti fuq x’titjib jista’ jsir biex dawn il-problemi jintgħelbu.

**50 marka**